MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 800/2008/1

**Joseph Cassar u martu Antoinette Cassar ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Malta International Airport p.l.c. (C-12663)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mir-rikorrenti fil-5 ta' Awwissu, 2008, li jaqra hekk:
"1. Illi fis-6 ta' Ottubru 1997, l-esponent intavola rikors quddiem l-Onorabbli Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-

Ingustizzji li permezz tieghu allega ingustizzja kommessa fil-konfront tieghu mis-socjeta` intimata meta tat numru ta' hatriet u ta' promozzjonijiet, permezz ta' *direct appointments*, inkluz lil persuni fl-istess grad tal-esponent imma inqas kwalifikati mill-esponent ghal tali hatriet u promozzjonijiet, minghajr ma ghamlet ebda *interviews* u minghajr ma lanqas biss ikkunsidrat lill-esponent ghal tali hatriet jew promozzjonijiet; u dan ghal ragunijiet ta' natura politika, in kwantu l-esponent kien delegat tal-Malta Labour Party u kien ukoll ufficjali tal-General Workers' Union;

"2. Illi fil-mori tal-kawza, il-Gvern ta' Malta beda l-process ta' privatizzazzjoni tas-socjeta` intimata billi biegh parti mill-pakket azzjonarju tieghu u b'hekk naqqas il-percentwali ta' ishma tieghu fis-socjeta` intimata, biex eventwalment ma baqax fil-kontroll effettiv tal-istess socjeta`; l-esponent jinsab informat illi fi zmien il-privatizzazzjoni, il-partijiet ikkoncernati fil-process ta' privatizzazzjoni kienu kollha debitament informati bil-proceduri kollha li s-socjeta` intimata kellha quddiem it-Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u fil-fatt ma tqajjmet ebda eccezzjoni da parti tas-socjeta` intimata dwar xi nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal sabiex jiddeciedi kaz dwar kumpannija privatizzata, u lanqas ma tqajjmet xi eccezzjoni fis-sens illi s-socjeta` intimata ma kenitx il-legittima kontradittrici fil-proceduri li kienu ghaddejjin;

"3. Illi nhar it-13 ta' Mejju 2004, l-Onorabbli Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ta' sentenza fl-ismijiet *Joseph Cassar vs Malta International Airport p.l.c.* (Rikors Numru 592/97), kopja annessa bhala Dok. JC1, li permezz taghha gie dikjarat illi "Ma nghatatx raguni valida ghala r-rikorrent ma nghatatx il-promozzjoni ghal *Safety and Security Executive* meta kien propju f'dik il-linja u hawnhekk it-Tribunal isib li saret ingustizzja mar-rikorrent u jichad l-eccezzjonijiet tal-kumpanija intimata, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat dwar il-promozzjoni ta' Safety and Security Executive, jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Safety and Security Executive b'effett mill-1991

meta nghataw il-kariga tal-Executives l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqskemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra"; "Spejjez kontra l-kumpanija intimata";

"4. Illi peremezz ta' ittra datata 18 ta' Gunju 2004, kopja annessa bhala Dokk. JC2, l-esponent talab lis-socjeta` intimata sabiex tottempera ruhha mas-sentenza citata; permezz ta' ittra datata l-1 ta' Lulju 2004 (Dok. JC3) is-socjeta` intimata rrispondiet li bhala entita` li m'ghadhiex kontrollata mill-Gvern mhijiex legalment obbligata li ssegwi r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u ddirigiet lill-esponent sabiex jindirizza talba ghall-kumpens fil-konfront tal-Gvern;

"5. Illi fid-29 ta' Lulju 2004, id-Direttur Generali tal-*Management and Personnell Office* fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru kiteb lic-*Chairman* tas-socjeta` intimata (Dok. JC4) fejn talab il-veduti u l-kummenti tieghu dwar l-azzjoni rimedjali rakkomandata mit-Tribunal; il-konsulenti legali tas-socjeta` wiegbu permezz ta' ittra datata 5 ta' Awwissu 2004 (Dok. JC5) fejn cahdu kull responsabbilta` ghat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji;

"6. illi wara korrispondenza ulterjuri (Dok. JC6), l-esponent flimkien ma' Frederick Attard (li ukoll intavola u rebah kaz simili quddiem it-Tribunal, u li wkoll ircieva risposta li s-socjeta` intimata ma kenitx qed tqis ruhha marbuta bid-decizjoni tat-Tribunal) intavola protest gudizzjarju kontra (i) l-Onorevoli Prim Ministru, (ii) id-Direttur Generali fil-*Management and Personnel Office* fl-ufficju tal-Prim Ministru u (iii) is-socjeta` intimata, li permezz tieghu interpellahom formalment sabiex minnufih jinghata r-rimedju li haqqu u skont is-sentenza citata, u fl-istess hin interpella lill-protestati sabiex jghaddu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni li huwa sofra u li kien ghadu qed isofri kawza tal-agir u inadempjenza persistenti tal-protestati (Dok. JC7) ghal dan il-protest is-socjeta` intimata ma wegbitx;

“7. Illi fl-20 ta’ Ottubru 2004, permezz ta’ ittra mahruga mill-*Managment & Personnel Office* tal-Ufficcju tal-Prim Ministru, il-Gvern informa ufficjalment lis-socjeta` konvenuta li l-Prim Ministru kien approva l-implimentazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ai termini tal-Artikolu 7(11) tal-Kap. 394, kopja annessa bhala Dok. JC8; fl-istess ittra, saret referenza ghal zewg ittri li nhargu in konnessjoni mal-kaz simili ta’ Frederick Attard, kopji annessi bhala Dok. JC9 u Dok. JC10; f’dawn l-ittri, saret referenza wkoll ghall-Artikolu 2 tal-istess ligi, fejn fid-definizzjoni ta’ “statutory body” huma inluzi dawk il-kumpanniji li ma baqghux ikkontrollati mill-Gvern;

“8. Illi permezz ta’ ittra datata 27 ta’ Ottubru 2004, kopja annessa bhala Dok. JC11, is-socjeta` konvenuta ddikjarat li qed tqis il-posizzjoni tal-Prim Ministru bhala *ultra vires* u leziva tad-drittijiet kostituzzjonali taghha; l-Ufficcju tal-Avukat Generali wiegeb permezz ta’ ittra tad-19 ta’ Novembru 2004 (kopja dok. JC12) fejn irribadixxa l-posizzjoni tal-Gvern, mentri s-socjeta` konvenuta regghet irribadiet il-posizzjoni taghha permezz ta’ ittra responsiva datata 2 ta’ Dicembru 2004 (kopja Dok. JC 13);

“9. Illi fil-frattemp, kien hemm kaz li gie deciz waqt li kien ghaddej il-process ta’ privatizzazzjoni fejn il-kaz kif intavolat quddiem it-Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji kien kontra l-Gvern, u madanakollu, is-socjeta` konvenuta ghazlet li timplimenta d-decizjoni tat-Tribunal; kien hemm ukoll, wara li giet kompletata l-privatizzazzjoni, kazijiet ohra decizi mit-Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji li l-implimentazzjoni taghhom kienet ghadha pendenti, u cioe` kazijiet ta’ George Falzon, Saviour Duca u John Calleja; l-esponent jjinsab infurmat li anke fil-kazijiet ta’ Gekorge Falzon, Saviour Duca u John Calleja, l-implimentazzjoni sehhet;

“10. Illi fit-8 ta’ Gunju 2005, il-konsulenti legali tal-esponenti kitbu lis-socjeta` konvenuta sabiex jitolbu l-hlas tal-obbligi in kwistjoni, billi kien irrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet accettat li thallas il-kumpens likwidat fil-kazijiet l-ohra li kienu ghadhom pendenti ghall-

implementazzjoni taghhom (Dok. JC14); ghal din l-ittra, is-socjeta` konvenuta ma wegbitx, u ghaldaqstant l-esponent intavola protest gudizzjarju fil-31 ta' Awwissu 2006 fejn rega' rrefera, din id-darba specifikament, ghall-kaz ta' John Briffa "impjegat numru 1900" u ghall-kaz ta' George Falzon, Rikors Numru 1118/97 TII (kopja annessa Dok. JC15); ghal dan il-protest is-socjeta` konvenuta wiegbet permezz ta' kontroprotest datat 4 ta' Ottubru 2006 (Dok. JC16), fejn regghet irrifjutat li timplimenta s-sentenza tat-Tribunal, u fejn sostniet illi "l-allegazzjoni, tal-kontroprotestat Joseph Cassar, li MIA ghazlet li timplimenta xi rakkomandazzjonijiet moghtija mit-Tribunal hija ghal kollox inveritjera u nfondata, u anka (sic) li keku (sic) kien hemm kazijiet fejn MIA hadet xi mizuri simili, li mhux il-kaz, dan ma jifssirx li tali mizuri ttiehdu bhala implimentazzjoni tal-konkluzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal";

"11. Illi fil-frattemp, u cioe` fid-29 ta' Gunju 2006, l-esponent hareg bil-pensjoni tal-invalidita` minhabba problemi kardjaci, mentri fl-20 ta' Marzu 2008 ghalaq il-61 sena u hareg bil-pensjoni kontributorja;

"12. Illi ghar-ragunijiet esposti, l-esponent hass illi kellu jintavola l-prezenti rikors guramentat, minghajr pregudizzju ghal kull dritt lilu kompetenti fil-konfront tal-Gvern ta' Malta, u dan kontestwalment ma' rikors guramentat iehor kontra l-istess Gvern ta' Malta, sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun f'posizzjoni li tiddetermina l-kaz b'mod definittiv;

"**Tghid ghaldaqstant is-socjeta` intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:**

"i. Preliminarjament tordna lis-smigh ta' dan ir-rikors guramentat isir kontestwalment mas-smigh tar-rikors intavolat mill-istess rikorrenti kontra l-Gvern ta' Malta, fl-ismijiet *Joseph Cassar (I.D.0303247M) u martu Antoinette Cassar (I.D.0243543M) ghal kull interess li jista' jkollha vs L-Onorevoli Prim Ministru; Is-Segretarjuu Amministrattiv*

*sive is-Segretarju Permanenti Principali (Pricipal Permanent Secretary) fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru; L-Agent Direttur Generali tal-Ufficcju tal-Management and Personnel u d-Direttur tal-Ufficcju ghal Employee Relations, fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru, jew min minnhom; u L-Avukat Generali ghan-nom u fl-interess tal-Gvern ta' Malta,* liema rikors guramentat gie ntavolat kontestwalment u fl-istess data bhar-rikors guramentat prezenti; u dan ai termini tal-Artikolu 793 tal-Kap. 12 Ligijiet ta' Malta;

"ii. Tiddikjara li s-socjeta` intimata kienet obbligata ssegwi d-direttiva moghtija lilha fl-20 ta' Ottubru 2004 mill-Onorevoli Prim Ministru ai termini tas-subartikolu (11) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 394 Ligijiet ta' Malta, kopja esibita bhala Dok. JC8, u kwindi li timplimenta d-decizjoni moghtija nhar it-13 ta' Mejju 2004 mill-Onorabbli Tribunal Ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji permezz tas-sentenza fl-ismijiet *Joseph Cassar vs Malta International Airport u b'digriet tal-20 ta' Mejju 1999 gie korrett ghal Malta International Airport p.l.c.* (Rikors Numru 592/97), kopja annessa bhala Dok. JC1;

"iii. Tiddikjara li s-socjeta` intimata naqqset milli taghmel dan, u rrifjutat espressament li taghmel dan;

"iv. Tordna l-implimentazzjoni gudizzjarja tas-sentenza citata, billi tordna li r-rikorrent "jinghata l-kariga ta' Safety and Security Executive b'effett mill-1991 meta nghataw il-kariga l-Executives l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra";

"v. Tillikwida tali differenza li sofra r-rikorrent fil-paga u f'kull hlas hew rimunerazzjoni ohra li kien jew huwa intitolat ghaliha r-rikorrent ai termini tal-imsemmija sentenza b'referenza ghall-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 1992 u jispicca fit-28 ta' Gunju 2006, kif ukoll li taghti kull ordni ohra li tista' tirrizulta necessarja u opportuna waqt relattivament ghall-perjodu msemmi;

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji tas-socjeta` intimata minn issa in subizzjoni, u bid-dikjarazzjoni espressa tar-rikorrenti li qeghdin jirrizervaw kull azzjoni legali ulterjuri u jzommu impregudikati d-drittijiet kollha taghhom in relazzjoni mat-telf ta' pensjoni soffert mid-29 ta' Gunju 2006 'il quddiem."

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi

"1. Preliminarjament illi s-socjeta` ntimata mhix legittima kontradittrici fil-proceduri odjerni, stante li *ai termini* ta' Artikolu 7(11) tal-Kap 394 tal-ligijiet ta' Malta, ("l-Att"), huwa l-Onorevoli Prim Ministru li ghandu d-dmir li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal Ghall-Investigazzxjoni ta' Ingustizzji, (it-"Tribunal"), u ghalhekk ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju;

"2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi s-socjeta` ntimata mhix obbligata li ssegwi direttivi tal-Onorevoli Prim Ministru, stante li, bhal kull socjeta` privata, id-direzzjoni tas-socjeta` esponenti hija deciza mill-bord tad-Diretturi tal-istess socjeta`.

"3. Fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi s-socjeta` ntimata m'ghamlet ebda nuqqas, stante li:

a. l-obbligu fir-rigward tal-implementazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal huwa eskluzivament impost fuq l-Onorevoli Prim Ministru;

b. ma hemm ebda obbligu legali li jimponi l-obbligu fuq is-socjeta` ntimata li timplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal; u

c. is-socjeta` ntimata qatt ma giet ordnata, minn xi awtorita` kompetenti li ghandha setgha fuqha, sabiex tiehu xi azzjoni diretta lejn l-impementazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal.

"**<u>Fatti</u>**

“1. Illi fir-rigward tal-paragrafu 1 tar-rikors promotur (“ir-Rikors), is-socjeta` ntimata m’ghandhiex x’tirrispondi;

“2. Illi fir-rigward tal-paragrafu 2 tar-Rikors, jispetta lir-rikorrenti sabiex jipprovaw illi l-partijiet kollha fil-process ta’ privatizzazzjoni kienu debitament informati bil-proceduri kollha li s-socjeta` ntimata kellha quddiem it-Tribunal.

“2.1. Illi l-allegazzjoni li s-socjeta` ntimata ma qajmetx l-eccessjoni li ma kienitx legittima kontradittrici hija kkontestata stante li mhix korretta, kif jidher mid-dokument anness mar-Rikors bhala JC1, (pagna 5, l-ewwel paragrafu), fejn h u indikat mit-Tribunal stess li s-socjeta` ntimata qjmet l-eccezzjoni li mhux u ma tistax tkun legittima kontradittrici;

“3. Illi fir-rigward tal-paragrafi 3, 4, 5 u 6 tar-Rikors, is-socjeta` ntimata m’ghandhiex x’tirrispondi;

“4. Illi fir-rigward tal-paragrafu 7 tar-Rikors, is-socjeta` ntimata ma tikkontestax illi taqa’ fil-parametri ta’ “korp imwaqqaf b’ligi” kif imfisser fl-Artikolu 2 tal-Att; li tikkontesta huwa: (i) l-allegazzjoni li tista’ b’xi mod tkun responsabbli ghall-implementazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal; u (ii) l-allegazzjoni li direttiva tal-Onorevoli Prim Ministru tista’ b’xi mod torbot socjeta` privata minghajr dispozizzjonijiet legali specifici li jirregolaw dan;

“5. Illi fir-rigward tal-paragrafu 8 tar-Rikors, is-socjeta` ntimata m’ghandhiex x’tirrispondi;

“6. Illi fir-rigward tal-paragrafi 9 u 10, is-socjeta` esponenti tichad li qatt implimentat xi rakkomandazzjoni tat-Tribunal, u jekk is-socjeta` ntimata hadet mizuri li jirratifikaw zball logistiku li gie a konoxxenza taghha, dan bl-ebda mod ma jimplika li l-mizuri ttiehdu bhala mplementazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal;

“6.1. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anka li kieku s-socjeta` ntimata ghazlet li timplementa xi

rakkomandazzjoni tat-Tribunal, li mhux il-kaz, dan kienet taghmlu *ex gratia* u minghajr ebda obbligu impost fuqha mil-ligi, jew rabta ohra kwalunkwe;

“7. Illi fir-rigward tal-paragrafi 11 u 12, is-socjeta` ntimata m’ghandhiex x’tirrispondi;

“8. Ulterjorment illi wiehed ghandu, fl-ewwel lok, jikkonidra n-natura tat-Tribunal u r-raguni ghaliex it-Tribunal gie kostitwit;

“8.1. Illi bhala tribunal *ad hoc*, in-natura tat-Tribunal hija wahda partikolari hafna, li tindirizza specifikament ingustizzji ta’ natura politika f’perjodu ta’ zmien partikolari. L-intenzjoni tal-Parlament fl-adozzjoni tal-Att kienet sabiex tipprovdi rimedju, kontra l-gvern, bhala mizura ta’ amministrazzjoni pubblika, lil persuni li sofrew ingustizzji f’socjetajiet jew korpi li fihom il-gvern kellu l-kontroll effettiv, u dan biss ghaz-zmien li fih il-gvern attwalment kellu l-kontroll effettiv;

“8.2. Illi ghaldaqstant wiehed facilment u logikament jasal ghall-fatt illi r-rimedju, ghal ingustizzja kkawzata mill-gvern, ghandha tinghatha mill-gvern – u hu ghalhekk li r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal huma diretti lejn l-Onorevoli Prim Ministru;

“8.3. Illi t-Tribunal ghandu, skont l-Att, zewg funzjonijiet: l-ewwel illi jasal ghal decizjoni dwar jekk saretx ingustizzja; u t-tieni, jekk jigi deciz illi saret ingustizzja, li jaghti rakkomandazzjonijiet lill-Onorevoli Prim Ministru dwar dawk il-mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex tigi sanata l-ingustizzja u/jew jinghata kumpens xieraq lil min batiha;

“8.4. Illi ghalhekk, “sentenza” moghtija mit-Tribunal ma tistax titqies bhal xi sentenza moghtija minn Qorti ta’ gurisdizzjoni ohra, peress illi hija monka mill-element ta’ obligazzjoni kif rikjest mill-Artikolu 219 tal-Kap. 12, principalment ghaliex hija ta’ natura dikjaratorja u rakkomandattiva, mhux exekuttiva;

"9. Illi s-socjeta` ntimata qatt ma kkontestat il-fatt illi d-dispozizzjonijiet tal-At japplikaw ghaliha, stante li din tohrog cara mit-tifsira ta' "*persuni li ghalihom dan l-Att japplika*", fl-Att innifsu;

"9.1. Illi daqstant johrog car li, ghalkemm parti fil-proceduri, ma hemm ebda obbligu impost fuq is-socjeta` ntimata li timplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Ghall-kuntrarju, huwa evidenti, mill-Artikolu 7(11) tal-Att li dan l'hekk imsejjah "dmir" huwa mpost fuq l-Onorevoli Prim Ministru;

"9.2. Illi fil-fatt, l-Onorevoli Prim Ministru idderiega lis-socjeta` ntimata sabiex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal izda, bir-rispett kollu, s-socjeta` esponenti mhix marbuta bid-direttivi tal-Onorevoli Prim Ministru;

"10. Illi direttiva moghtija mill-Onorevoli Prim Ministru ma torbotx lis-socjeta` ntimata, ghaliex l-Att, (u ebda ligi ohra), ma fih evda dispozizzjoni li taghti din is-setgha;

"10.1.Illi s-socjeta` ntimata, bhal kull socjeta` ohra, ghandha l-obbligu li tagixxi fl-ahjar interess tal-azzjonisti taghha; u ghalhekk id-direzzjoni tal-istess socjeta` hija mhollija f'idejn il-bord tad-diretturi. Ikun ksur tal-obbligi tas-socjeta` ntimata li ssegwi direttiva tal-Onorevoli Prim Ministru, kontra l-interess tal-azzjonisti taghha, meta m'ghandha ebda obbligu li taghmel dan;

"10.2.Illi kwalunkwe tentattiv, da parti tal-gvern, li b'xi mod igieghel lis-socjeta` ntimata iggorr piz li mhix obbligata mil-ligi li ggorr, huwa ekwivalenti ghal esproprjazzjoni ta' propjeta` privata minghajr kumpens, u ghalhekk illecita u bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda kumpens, l-Att jistipula b'mod car, fl-Artikolu 7(9)(d), illi l-kumpens moghti mit-Tribunal m'ghandu f'ebda kaz jeccedi l-ammont ta' hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu, (€11,646.87);

“12. salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

“13. Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta` ntimata titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u tilqa’ r-risposti tas-socjeta` intimata;

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Dicembru, 2010, li in forza taghha cahdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez tal-kawza kontra taghhom.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“11. Il-fatti relevanti seħħew hekk: L-attur ressaq rikors quddiem it-Tribunal għax deherlu illi saret inġustizzja miegħu mis-soċjetà konvenuta fl-għoti ta’ promozzjonijiet. It-Tribunal kellu kompetenza jisma’ r-rikors tal-attur billi taħt l-art. 5(1) tal-Kap. 394 dak “l-Att japplika għall-Gvern, u għal kull korp imwaqqaf b’liġi kif imfisser fl-artikolu 2”, waqt li “korp imwaqqaf b’liġi” huwa mfisser hekk fl-art. 2:

“korp imwaqqaf b’liġi” tfisser kull korporazzjoni jew korp magħqud ieħor imwaqqaf b’liġi u tinkludi kull soċjetà jew korp ieħor li fih il-Gvern jew xi korp wieħed jew iktar minn dawk hawn aktar qabel imsemmija jew kull kombinazzjoni tagħhom ikollhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw jew kellhom sehem biżżejjed biex jikkontrollaw bejn id-9 ta’ Mejju, 1987 u l-15 ta’ Mejju, 1995 jew li fuqhom il-Gvern jew xi korp wieħed jew iktar bħal dawk jew kull kombinazzjoni tagħhom ikollhom kontroll effettiv jew kellhom kontroll effettiv bejn id-9 ta’ Mejju, 1987 u l-15 ta’ Mejju, 1995.

“12. Waqt is-smigħ tal-każ quddiem it-Tribunal il-gvern bigħ xi ishma fis-soċjetà konvenuta u għalhekk ma kellux aktar kontroll effettiv tas-soċjetà konvenuta li, iżda, baqgħet titqies “korp imwaqqaf b’liġi” għall-għanijiet tal-Kap. 394 billi fiż-żmien relevanti l-gvern kellu dak il-kontroll.

“13. Dan ma huwiex kontestat mis-soċjetà konvenuta, li, iżda, tgħid illi dan ma jfissirx illi hija marbuta twettaq id-deċiżjonijet tat-Tribunal, għax dak id-dmir jaqa’ fuq il-gvern u mhux fuqha.

“14. It-Tribunal ta sentenza favur l-attur fit-13 ta’ Mejju 2004 u ordna illi jinħatar *Safety and Security Executive* b’seħħ mill-1991, b’anzjanità minn dak iż-żmien u illi jitħallas il-paga daqslikieku nħatar dak iż-żmien. Imbagħad, b’ittra tal-20 ta’ Ottubru 2004 mill-Uffiċċju tal-Prim’Ministru s-soċjetà konvenuta ġiet mgħarrfa illi “*the Prime Minister has approved the implementation of the [Tribunal’s] decision in respect of Mr Joseph Cassar in terms of sub-article 7(11) of … … … Chapter 394 and directs that you take action accordingly*”. L-art. 7(11) imsemmi f’dik l-ittra jgħid hekk:

“**7.** (11) Ikun id-dmir tal-Prim’Ministru li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabbilixxi dawk il-proċeduri u jagħti dawk id-direttivi li jkunu meħtieġa għat-twettiq ta’ dawk ir-rakkomandazzjonijiet.”

“15. Il-kwistjoni issa hija jekk il-Prim’Ministru għandux is-setgħa jordna illi tkun il-konvenuta li timplementa r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal.

“16. Fil-fehma tal-qorti, it-tweġiba tinstab fil-kliem tal-art. 7(11) miġjub fuq, li jgħid illi “Ikun id-dmir tal-Prim’Ministru li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal”. Il-Prim’Ministru dan jista’ jagħmlu billi jagħti direttivi lil min għandu jwettaq dak li jkun irrakkomanda t-Tribunal, iżda dawk id-direttivi jistgħu jingħataw biss lil min il-Prim’Ministru għandu s-setgħa li jagħtih direttivi: il-Kap. 394 ma jwessax dik is-setgħa. Il-fatt illi, għall-għanijiet tal-Kap. 394, il-konvenuta titqies “korp imwaqqaf b’liġi” jiswa biex jagħti lit-Tribunal ġurisdizzjoni fuq l-għemil tas-soċjetà fiż-żmien relevanti, u biex il-gvern iwieġeb għal dak l-għemil billi kellu kontroll fuqha fl-istess żmien, iżda mhux biex il-gvern ikompli jżomm setgħa fuqha għall-għanijiet tal-istess liġi.

"17. Fil-każ tallum, ladarba l-gvern ma għadx għandu kontroll tal-konvenuta, ma jistax jagħtiha direttivi, u għalhekk l-għoti ta' direttivi lill-konvenuta ma huwiex mod kif il-Prim'Ministru jista' jwettaq id-dmir tiegħu "li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal".

"18. L-atturi jgħidu illi l-konvenuta fil-kontijiet pubbliċi tagħha tagħmel riżerva għal *contingent liability* dwar il-pretensjoni tal-attur. Din ir-riżerva iżda hija biss miżura ta' prudenza fil-kontabilità u ma toħloqx dejn favur l-attur.

"19. Lanqas ma huwa meħtieġ illi s-soċjetà konvenuta tibda proċeduri taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex twaqqa' u tħassar id-direttiva mogħtija fl-ittra tal-20 ta' Ottubru 2004, kif igħidu l-atturi. Dik id-direttiva, fiha nfisha, ma bidlitx il-pożizzjoni legali tal-konvenuta li għalhekk ma ħtiġilhiex tieħu passi dwarha.

"20. Dan ma jfissirx, kif igħidu l-atturi, illi hemm xi *lacuna* fil-liġi, għax il-liġi titkellem ċar illi "Ikun id-dmir tal-Prim'Ministru li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal" billi jagħti direttivi lil min għandu s-setgħa li jagħtih direttivi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza moghtija nhar l-10 ta Dicembru 2010 fl-Ismijiet Joseph Cassar u martu Anotoinette Cassar ghal kull interess li jista' jkollha vs. Malta International Airport p.l.c. (C-12663), Rikors Guramentat Numru 800/2008 GCD, u dan billi tiddeciedi u taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mill-attur, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hija bazata fuq l-istess fatti li huma l-meritu tal-kawza fl-ismijiet **Joseph Cassar et v. L-Onorevoli Prim Ministru et**, (Rikors Guramentat 801/08), tant li mxew kontestwalment u gew decizi fl-istess jum mill-ewwel Qorti.

Jirrizulta li, wara talba li saret mill-attur, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ("it-Tribunal") b'decizjoni moghtija fit-13 ta' Mejju, 2004, kien sab li kienet saret ingustizzja mal-attur meta gie mcahhad minn promozzjoni ghal *Safety and Security Executive* mal-Malta International Airport, li maghha kien impjegat. It-Tribunal ordna li jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga b'effett mill-1991. Il-Prim Ministru approva din ir-rakkomandazzjoni u b'ittra tal-20 ta' Ottubru, 2004, idderiga lis-socjeta` Malta International Airport "*that you take action accordingly*". Gara li, fil-mori tal-proceduri quddiem it-Tribunal, il-Gvern biegh ishma li kellu fl-imsemmija socjeta` li b'hekk giet privatizzata u mhux aktar taht il-kontroll tal-Gvern. Is-socjeta`, issa Malta International Airport plc, ma wettqitx id-direzzjoni li nghatat mill-Gvern, peress li qed targumenta li ma jirrizulta ebda obbligu, la esplicitu u lanqas xi xort'ohra, impost fuqha li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. L-atturi, ghalhekk, fethu l-proceduri l-ohra kontra diversi awtoritajiet governattivi, u dawn kontra s-socjeta` Malta International Airport plc.

L-ewwel Qorti, cahdet il-presenti talbiet kontra s-socjeta` konvenuta, izda laqghet it-talbiet tal-atturi fil-kawza l-ohra fil-konfront biss tal-Onorevoli Prim Ministru. Dan tal-ahhar appella mis-sentenza fil-kawza l-ohra waqt li l-atturi appellaw mis-sentenza moghtija f'din il-kawza. L-atturi f'din il-kawza qed jinsistu li s-socjeta` konvenuta ghandha titqies hi wkoll responsabbli biex twettaq id-decizjoni tat-Tribunal, u qed titlob li hekk jigi dikjarat minn din il-Qorti.

Trattat l-ilment, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha fil-kawza l-ohra (deciza wkoll illum) li wassluha tiddeciedi li r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal iridu jitwettqu mill-Prim Ministru, li ghandu jara u jiehu dawk il-mezzi opportuni biex ir-rakkomandazzjoni tigi implimentata. Skont il-ligi (Artikolu 7(11) tal-Att dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji Kap. 394 tal-Ligijiet ta’ Malta) huwa l-Prim Ministru li ghandu “d-dmir” iwettaq ir-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal, u dan billi jaghti direttivi lil dawk id-dipartimenti jew entitajiet u persuni li ghandu kontroll fuqhom. Is-socjeta` konventa hija socjeta` privata, u ma hemm xejn fl-Att imsemmi li twessa’ din is-setgha jew taghti poter lill-Prim Ministru wkoll fuq persuni jew entitajiet privati li l-Prim Ministru ma ghandux kontroll fuqhom, bhal ma hi s-socjeta` konvenuta. Fl-ordinament guridiku Malti ma hemm ebda obbligu legali li jgieghel lil cittadin privat jew socjeta` privata ssegwi xi direttiva moghtija mill-Prim Ministru meta din mhux ibbazata fuq xi poter moghti mil-ligi. F’kull kaz, l-obbligu li jara li titwettaq ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal hija biss tal-Prim Ministru, u kif gie spjegat fil-kawza l-ohra, huwa biss il-Prim Ministru li ghandu s-setgha jesigi l-implimentazzjoni fil-prattika tar-rakkomandazzjoni tat-Tribunal. Ir-rimedju tal-atturi appellanti hu biss kontra l-Prim Ministru – fuq kollox, l-ingustizzja saret minn korp li kien taht il-kontroll tal-Gvern, u hu, ghalhekk, li l-ligi taghmilha cara li t-twettiq tar-rakkomandazzjoni hija responsabbilita` tal-Prim Ministru u ta’ hadd aktar.

Kwindi, ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk il-konsiderazzjonijiet imsemmija fil-kawza rikors guramentat numru 801/08, l-appell tal-atturi mhux se jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-atturi appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------